MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 523/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Ruth Costa K.I. 31575(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ seba’ mija u wiehed u disghin Ewro u hdax-il centezmu (€791.11) dovuta mill-konvenuta lis-socjeta` attrici, rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40069039* moghtija mis-socjeta’ attrici lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-

Avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuta ipprezentat nota fir-Registru ta' dan it-Tribunal datata 17 ta' Settembru 2012, iffirmata minnha personalment u wkoll mid-difensur taghha, illi permezz tal-istess nota hija ammettiet it-talba kif dedotta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenuta, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' seba' mija u wiehed u disghin Ewro u hdax-il centezmu (€791.11), bl-imghax legali dekorribbli mill-24 ta' Lulju 2012 li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------